MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Rikors Numru. 2/2001/2

**Citazzjoni Nru: 2/01**

***Anthony Azzopardi***

***versus***

***Maria Concetta mart Edward Sammut, Emanuela sive Lily, xebba u Joseph, ilkoll ahwa Cuschieri***

Il-Bord,

Ra l-att tac-citazzjoni

Peress illi b'sentenza tal-5 t'Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet "Maria Carmela Sammut et vs Anthony Azzopardi", Rikors Numru 23/00B, laqa' t-talba tar-rikorrenti, konvenuti Marai Concetta mart Edward Sammut, Emanuela sive Lily xebba, u Joseph ilkoll ahwa

Cuschieri u awtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond 2 St Helen Home, Sliema, li kien mikri lill-attur, u pprefigga terminu ta’ xahar ghall-izgumbrament bl-ispejjez ghall-intimat attur f’dawn il-proceduri.

Peress illi kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, din id-decizjoni ittiehdet in kontravenzjoni tal-Artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 billi l-attur ma kienx debitament notifikat bir-rikors promotorju.

Peress illi ghalkemm mill-atti jirrizulta li saret in-notifika bl-affissjoni, hu gie notifikat bil-mandat biss bl-affissjoni, izda mhux bil-kawza.

Peress illi l-attur sar jaf bil-kawza ghall-ewwel darba meta gie notifikat bil-mandat ta’ zgumbrament.

Ighidu, ghalhekk, il-konvenuti ghaliex dan il-Bord, in vista tal-premess, m’ghandux:

1. Jordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet “Maria Concetta Sammut et vs Anthony Azzopardi” Rikors Numru 23/00B deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-5 t’Ottubru 2000 billi din ittiehdet in kontravenzjoni tal-Artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 kif fuq intqal, previa li qabel xejn tigi mhassra l-istess sentenza.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni mahlufa ta’ l-attur.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-attur.

Ra n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Illi it-talba tar-ritrattand hija frivola u vessatorja u ghanda tigi michuda billi l-attur kien debitament notifikat bir-rikors promotur fit-termini tal-ligi, salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra d-dikjarazzjoni tal-konvenuti.

Ra d-dokumenti kollha u l-atti.

Ra l-verbal tal-20 ta' Frar, 2003.

Ikkunsidra,

1. Illi din hi kawza ghas-smiegh mill-gdid ta' sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera (kif presedut) fil-5 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet bil-maqlub (Rikors Nru 23/00B).

Illi l-esponenti jikri lill-intimat il-fond 2, St. Helen Lane, Sliema, versu l-kera ta' Lm14 – 50 fis-sena jithallas Lm7 – 25 kull sitt xhur l-ahhar skadenza ghalqet fl-1 ta' Dicembru 1999;

Illi l-intimat kiser il-kondizzjonijiet lokatizji billi ma hax kua adegwata tal-fond lokat u dippju l-istess fond fih hsarat konsiderevoli;

Illi jidher li l-intimat abbanduna l-fond u b'hekk bidel id-destinazzjoni fis-sens li ma huwiex qed jaghmel uzu minnu;

Illi inoltre l-intimat ilu ma jhallas kera mill-1991 u jinsab moruz fil-hlas tal-kera;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex dan il-Bord jogghbu ghar-ragunijiet premessi jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-fond 2 St. Helen Lane, Sliema, u ghall-fini tal-izgumbrament jipprefiggi lill-intimat terminu qasir u perentorju.

Bl-ispejjez.

Ra l-intimat la deher ghas-seduta ta' llum u lanqas ipprezenta twegiba minkejja li kien debitament notifikat.

Ra d-dokumenti esebiti llum u l-atti kollha.

Ra l-art. 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti jergghu jiehdu f'idejhom il-fond 2, St. Helen Lane, Sliema; ghall-fini ta' zgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' xahar m'illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

2. It-talba ghas-smiegh mill-gdid hi msejsa fuq l-artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 li jghid li:

"811. Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattat, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin

(a)

(b) jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza.

3. L-artikolu 812 jaghmel applikabbli l-artikolu 811 ghal Qorti ta' l-ewwel grad, f'dan il-kaz il-Bord li Jirregola l-Kera.

4. Minn fol 3 tar-rikors Nru 23/00B jirrizulta li saru zewg tentattivi biex l-intimat (illum attur) jigi notifikat bir-rikors (29/2/00 – unknown, 9/3/00 – un-claimed). Tentattivi biex l-intimat jigi notifikat wara l-hin kellhom l-istess ezitu. Sar rikors fl-24 ta' Awissu dekretat fid-29 ta' Awissu 2000 biex l-intimat jigi notifikat bl-affissjoni. Il-marixxal Croce Briffa xehed li wahhal kopja tar-rikors mal-bieb ta' l-intimat fl-ghassa tal-Pulizija u Kunsill Lokali. Huwa ovvju li sar zball a fol 16 tergo fuqness – terga' tissema l-ghassa qabbel man-notifika l-ohra.

5. L-attur jghid li qatt ma rcieva xejn (igifieri ma saritx l-affissjoni) hlief ir-rikors prezentat fit-30 ta' Novembru 2000 degretat fit-12 ta' Dicembru 2000 u l-mandat 32/00. Dan ircievihom f'daqqa:

"Dawn ircevejthom meta kont qieghed ghand hija, gejt fil-ghodu u sibthom imwahhlin mal-bieb u fil-ghaxija gejt ghand l-avukat u ghidtlu bihom" (fol 14-20, Citaz. 2/01C).

6. Fix-xhieda tieghu l-attur jaghmel tahwida shiha dwar dak li ntbaghtlu mill-Qorti, ukoll f'okkazzjonijiet ohra. Minkejja li fil-ghaxija jidhol u jorqod id-dar jghid li qatt ma sab xejn minkejja li qabel gieli saru notifiki bl-affissjoni. Jghid ukoll, fl-istess nifs li gieli l-marixxal sabu fejn l-ghassa u tah xi karti "…tal-Qorti" l-attur jaf x'inhuma sewwa (fol 25 Citaz nru 2/01 C).

7. Il-Bord ihoss li ghandu jistrieh fuq ix-xhieda ta' l-ufficjal tal-Qorti li huma nies li ma ghandhom l-ebda interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri. L-attur huwa bniedem irresponsabbli li jigi jaqa' u jqum minn dak li jigih mill-Qorti. Mar biss ghand l-avukat meta rcieva l-mandat ta' zgumbrament ghax l-affarijiet tieghu jafhom imma jaghmel li jaqbillu.

8. Jirrizulta li l-attur kien jaf bir-rikors numru 23/00B imma bhas-soltu ma tax kaz u halla kollox ghaddej.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontrih.

Dep/Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------